# L-Ewwel Skola Primarja fil-Qrendi fl-1861 u l-Ewwel Snin tagħha

*Carmen Lia B.Ed.(Hons.), B.A.*

Ħafna adulti u anzjani fil-Qrendi jiftakru tfulithom fl-iskola primarja tar-raħal. Din l-iskola tat u għadha tagħti edukazzjoni kif ukoll forma ta' karattru lil ħafna Qrendin. Fost in-nies li attendew l-iskola tal-Qrendi nsibu lil Patri Nicola Magro li ta' erba' snin kien beda jmur l-iskola primarja tal-Gvern u baqa' magħruf, fost affarijiet oħra, għat-teżi tiegħu *De Gratia* kif ukoll bħala fundatur u editur tar-rivista bil-Malti *L-Art Imqaddsa*.

Dwar l-edukazzjoni fl-ibliet inkiteb ħafna. Dan huwa mistenni għaliex l-ewwel skejjel primarji fil-fatt fetħu fl-ibliet. Iżda mbagħad kellu jkun bil-ħila tad-Direttur ta' l-Edukazzjoni Primarja l-Kan. Paolo Pullicino (1850-1870) li l-edukazzjoni saret fuq bażi nazzjonali u b'hekk infetħu diversi skejjel fl-irħula u mhux fl-ibliet biss. Sfortunatament l-istudju ta' l-istorja ta' l-iskejjel primarji f'irħula żgħar bħall-Qrendi għadu bikri ħafna. Ftit għadu nkiteb.[1]

Insibu li l-Qrendi jissemma fil-pjan ta' edukazzjoni msejjaħ *Progetto* u mfassal għall-gżejjer Maltin minn Mikiel Anton Vassalli fl-1795, għalkemm dan il-pjan qatt ma ġie attwat. F'dak iż-żmien, Vassalli kien ra li l-popolazzjoni tal-Qrendi kienet teħtieġ skola b'għalliem wieħed.[2]

Il-Qrendi jissemma wkoll fil-pjan ta' skejjel governattivi mfassal mill-Kan. Paolo Pullicino [3] u mdaħħal fl-ewwel rapport tiegħu ta' l-1850 [4]. Hemm kien imniżżel li l-Qrendi kellu jkollu skola tat-tielet kategorija - jiġifieri skola ta' l-irħula li kellha tasal biss sat-Tielet Klassi. U infatti kien dan l-istess Direttur, wieħed mill-aqwa li kellna Malta li fetaħ skejjel primarji tal-Gvern fl-ibliet u l-irħula kollha ta' Malta u Għawdex bejn l-1850 u l-1870 u li fetaħ l-ewwel skola primarja tal-Gvern fil-Qrendi. Din l-iskola bdiet fil-Qrendi fl-1 ta' Diċembru 1861 fi żmien il-Kappillan Dun Giuseppe Cilia [5] u meta l-popolazzjoni tal-Qrendi kienet ta' 1025 ruħ [6] u b'hekk kien fost l-ewwel irħula fin-Nofsinhar ta' Malta li kellu skola primarja. Kien maħsub li f'dik l-iskola jibdew jattendu 60 tifel u 60 tifla, total ta' 120 ta' etajiet minn 6 sa 12-il sena. F'dik l-istess sena nfetħu skejjel primarji f'San Ġiljan u l-Ħamrun ukoll. Fi rħula oħra l-ewwel skola primarja fetħet aktar tard: fl-1867 fil-Għargħur, fl-1869 fl-Imqabba u Ħal Għaxaq; fl-1871 fil-Mellieħa u fl-1874 f'Ħal Kirkop u Ħad-Dingli. Dan kien parti minn pjan tal-Kanonku Pullicino bil-għan li jwassal l-edukazzjoni fost il-klassijiet il-baxxi.[7] Ma nafux eżattament fejn kienet il-proprjetà li kienet isservi bħala skola iżda nafu li kienet proprjetà privata f'pożizzjoni ċentrali mikrija lill-Gvern b'ħames liri fis-sena u li sa l-1890 kienet isservi l-bżonnijiet kollha tar-raħal.[8] Sas-17 ta' Diċembru 1861 f'din l-ewwel skola kien hemm jattendu 55 tifel u 70 tifla.[9]

F'nofs is-seklu dsatax, l-irħula fil-kampanja kienu ġew imqassma f'distretti għall-fini tad-Dipartiment ta' l-Iskejjel Primarji. Fit-tieni nofs tas-seklu dsatax konna nsibu l-iskola taż-Żurrieq fis-Sitt Distrett u din l-iskola damet għal ħafna snin weħidha tifforma dan id-Distrett. Tfal mill-irħula tal-viċin kienu jattendu f'din l-iskola. Fl-1862 s-Sitt Distrett beda jikkomprendi l-iskola primarja taż-Żurrieq kif ukoll dik tal-Qrendi. Xi snin wara l-1861, mas-Sitt Distrett ingħaqdu skejjel ġodda ta' l-irħula viċin li kienu l-Imqabba, Ħal Kirkop, Ħal Safi u Ħal Għaxaq. L-ibliet kienu jitqiesu f'distretti għalihom u kellhom skejjel ħafna qabel dawk ta' l-irħula.[10]

It-tagħlim f'din l-ewwel skola Qrendija kien isir skond kif indikat fl-1859 meta l-iskejjel primarji ta' Malta u Għawdex kienu riformati. Kull skola ġiet maqsuma f'erba' klassijiet *(Standards)*. Fl-Ewwel Klassi kien isir qari bil-Malti, il-bidu tal-kitba, introduzzjoni għall-Aritmetika u t-tagħlim tar-Reliġjon. Fil-klassi ta' wara, jiġifieri fit-Tieni Klassi, kien hemm il-qari bit-Taljan, grammatika, kitba,



*Skola fi Triq iż-Żurrieq li nbniet bil-flus ta' Dun Sant Agius.*



*Waħda mill-ewwel skejjel fil-Qrendi fi Triq it-Torri*

somom u tagħlim tar-Reliġjon. Fit-Tielet Klassi kienu jitgħallmu l-qari u t-traduzzjoni bit-Taljan u l-Ingliż, il-Grammatika, il-kitba, l-Aritmetika, id-dettat *(dictation)* tat-Taljan u l-Ingliż, elementi tal-Ġografija u t-tagħlim tar-Reliġjon. Fir-Raba' jew l-aħħar klassi kellhom qari bit-Taljan u bl-Ingliż, il-grammatika, il-kitba, id-dettat tat-Taljan u l-Ingliż, il-Ġometrija, il-Ġografija, l-Istorja Naturali, Book-keeping u t-tagħlim tar-Reliġjon. Lill-bniet fit-Tielet u r-Raba' Klassi ma kenux jgħallmuhom xi suġġetti minn dawk imsemmija hawn fuq u minflok kienu jżidulhom il-ħjata, xogħol tal-malja *(knitting)*, rakkmu u suġġetti ta' interess għas-sess femminili. L-iskola tal-Qrendi kienet tasal biss sat-Tielet Klassi *(Standard Three)*. L-iskejjel għaż-żgħar nett kont issibhom fl-ibliet biss.[11]

It-tagħlim li kien isir kien ibbażat fuq is-sistema simultanja jew "simultaneous" method fejn l-għalliem jgħallem lit-tfal tal-klassi tiegħu kollha f'daqqa, bħalma hi s-sistema llum. Il-problema kienet meta kien ikun hemm numru kbir ta' studenti għax kont tkun trid ħafna għalliema mħarrġa u li f'dak iż-żmien kienu skarsi ħafna. Ħafna drabi l-klassi kienet tkun taħt għalliem jew għalliema u fin-nuqqas ta' dawn kienu jintgħażlu "apprentices" jew tfal li jattendu l-klassijiet il-kbar ta' l-iskola. Dawn kienu jkunu mgħallma wara l-ħin ta' l-iskola wkoll.[12]

It-tagħlim kien b'xejn. Kotba, "slates" (lavanji) u karti kienu pprovduti fl-iskola.[13]

Il-ħinijiet ta' l-iskola kienu mit-8 sal-11.00am u mis-2.00 sa l-4.00pm għall-iskola tas-subien; għall-bniet mit-8.30 sal-11.30am u mis-2.30 sa l-4.30pm.[14]

Fil-Qrendi kien hemm skola tal-bniet kif ukoll skola tas-subien u dan kien mistenni minħabba *'il decore'*. Din id-drawwa ta' żewġ skejjel baqgħet għal ħafna snin wara.

Fl-1861, il-kapijiet ta' l-iskola tal-Qrendi kienu Achille Ferris [15] għall-iskola tas-subien u Carmela Vella [16] għall-iskola tal-bniet. Dawn inħatru mill-Gvernatur fl-1 ta' Diċembru 1861 b'salarju annwali ta' 38 lira sterlina u 21 lira sterlina rispettivament [17], iżda Ferris kien ħa l-ewwel ħatra tiegħu fit-8 ta' Diċembru 1856 [18]. Il-ħatra ta' Carmela Vella kienet fuq bażi proviżorja. U b'dawn iż-żewġ kapijiet, l-iskola tal-Qrendi setgħet tibda tiffunzjona.

L-għażla ta' Achille Ferris (1838-1907) kienet ferm importanti għall-Qrendi għaliex minbarra li kien l-ewwel Surmast ta' l-iskola tas-subien tal-Qrendi, huwa kien ukoll kittieb, storiku magħruf u edukatur. Ta' sittax-il sena huwa kien sar assistent surmast fl-Iskejjel Elementari tal-Gvern u sentejn wara laħaq surmast il-Belt. Ix-xewqa li jibda jgħallem il-Qrendi wrieha Ferris stess f'ittra li bagħat lis-Segretarju Prinċipali tal-Gvern Sir Victor Houlton bid-data tat-12 ta' Novembru 1861. Huwa kien stqarr li saħħtu kienet marret lura u kellu bżonn l-arja safja tal-Qrendi biex jieħu saħħtu lura. Wara, laħaq Kap ta' l-Iskola Primarja tal-Belt. Fl-1882, wara servizz ta' 26 sena laħaq spettur ta' l-Iskejjel.[19]

F'dawk iż-żminijiet il-kapijiet ta' l-iskejjel tal-Qrendi ma tantx kien ikollhom tfal x'jieħdu ħsieb. Il-ġenituri kien ikollhom bżonn it-tfal biex jgħinuhom jaħdmu r-raba' jew fis-sajd u għalhekk ma kinux jibagħtuhom skola. Fl-1861 fil-Qrendi kienu jattendu 60 tifel u 98 bniet, total ta' 158 minn popolazzjoni ta' 1025. Din l-attendenza fl-iskola fl-ewwel żmien tal-ftuħ tagħha kienet pjuttost kbira meta mqabbla ma' l-iskola taż-Żurrieq fl-istess sena u li kienet ilha miftuħa ħafna snin (total ta' 125, 63 tifel u 62 bniet).[20] Il-maġġoranza tat-tfal kienu jitilqu mill-iskola malli jkollhom disa' snin għaliex it-tagħlim fl-irħula kien jasal sat-Tielet Klassi *(Standard Three)*.

Fis-sena 1862, il-Kapijiet ta' l-Iskola baqgħu Achille Ferris u Carmela Vella (Surmastra proviżorja), bl-istess salarju wkoll.[21] F'dik is-sena nxtraw xi bankijiet għall-iskola tal-Qrendi [22]. Kienu jattendu 50 tifel u 80 bniet, total ta' 130 minn popolazzjoni ta' 963. Din l-attendenza fl-iskola naqset meta komparata mas-sena ta' qabel iżda xorta kienet tajba ħafna meta komparata ma' l-attendenza fiż-Żurrieq (96 tfal, 36 tifel



*L-Iskola Primarja tal-Qrendi kif inhi llum*

u 60 bniet).[23] F'din is-sena fil-Qrendi fethet l-ewwel skola tal-Ħadd f'Malta iżda minħabba nuqqas ta' attendenza din ingħalqet xi żmien wara.

Fl-1863 il-kapijiet ta' l-iskola baqgħu l-istess, jiġifieri Ferres u Vella, bl-istess salarju.[24] L-attendenza kompliet tonqos għax f'dik is-sena kien hemm total ta' 110 li kienu 50 tifel u 60 tifla (fiż-Żurrieq kienu jattendu total ta' 88, 38 subien u 50 tifla).[25]

F'dawk iż-żminijiet xi kritiċi ħarġu jattakkaw l-iskejjel primarji fil-ġurnali. Fl-1865 Storks ordna kummissjoni li ħarġet rapport fejn intqal li kollox kien ħażin fl-iskejjel. Kien hemm ħafna tfal jistennew biex jidħlu f'xi skola u b'hekk kienu qed jikbru mingħajr ebda forma ta' edukazzjoni.

Il-klassijiet fl-iskola tal-Qrendi kienu eżaminati fit-30 ta' Marzu 1865. Kienu ġew eżaminati s-subien tat-Tielet Klassi fejn intqal li fit-Taljan kienu jifhmu dak li jaqraw iżda fl-Ingliż urew ftit konoxxenza tal-verbi u tal-Grammatika u kellhom aċċent ħażin. Fis-somom tal-multiplikazzjoni marru tajjeb. Fit-Tieni Klassi tal-bniet kien hemm ħdax preżenti u t-tfal irrispondew tajjeb fit-Taljan u ħadmu ħafna mis-somom tal-multiplikazzjoni.

F'din l-istess sena ħareġ rapport fuq l-edukazzjoni ta' Malta mill-Kanonku Paolo Pullicino fejn insibu xi kummenti dwar l-iskola l-ġdida tal-Qrendi li kienet ilha stabbilita biss għal ftit snin u għalhekk dak li kien

## Is-Sitt Distrett - Skola Primarja Qrendi (1861 - 1872)

| Data | Pop. | Kap<br>Skola Subien<br>Skola Bniet | L-Ewwel Ħatra fl-Iskola mill-Gvernatur | Salarju fis-Sena f'lira sterlina | Attendenza<br>Subien<br>Bniet<br>*Total* | L-Ewwel Ħatra mill-Gvernatur |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1861 | | Ferres Achille<br>Vella Carmela<br>(proviżorja) | 1.12.1861<br>1.12.1861 | 38<br>21 | 60<br>98<br>*158* | 8.12.1856<br>1.12.1861 |
| 1862 | | Ferres Achille<br>Vella Carmela<br>(proviżorja) | 1.12.1861<br>1.12.1861 | 38<br>21 | 50<br>80<br>*130* | 8.12.1856<br>1.12.1861 |
| 1863 | | Ferres Achille<br>Vella Carmela<br>(proviżorja) | 1.12.1861<br>1.12.1861 | 38<br>21 | 50<br>60<br>*110* | 8.12.1856<br>1.12.1861 |
| 1864 | 970 | Ferres Achille<br>Cassar Maria | 1.12.1861<br>1.1.1864 | 45<br>21 | 50<br>50<br>*100* | 8.12.1856<br>1.1.1864 |
| 1865 | 983 | Briffa Vincenzo<br>Cassar Maria<br>(Ferres ittrasferit għall-Belt) | 1.10.1865<br>1.1.1864 | 38<br>21 | 50<br>50<br>*100* | 1.10.1865<br>1.1.1864 |
| 1866 | 1009 | Briffa Vincenzo<br>Scalpello Emmanuela<br>(Cassar ittrasferita f'Ħal Luqa) | 1.10.1865<br>1.9.1866 | 38<br>21 | 50<br>56<br>*106* | 1.10.1865<br>1.9.1866 |
| 1867 | 1010 | Briffa Vincenzo<br>Scalpello Emmanuela | 1.10.1865<br>1.2.1867 | 38<br>25 | 45<br>60<br>*105* | 1.10.1865<br>1.9.1866 |
| 1869 | 1024 | Briffa Vincenzo<br>Cuschieri Carmela<br>(Scalpello ttrasferita l-Gudja) | 1.10.1865<br>1.12.1869 | 38<br>21 | 52<br>41<br>*93* | 1.10.1865<br>1.12.1869 |
| 1870 | 1038 | Briffa Vincenzo<br>Malosa Giovanna<br>(Cuschieri ttrasferita ż-Żurrieq) | 1.10.1865<br>1.7.1870 | 38<br>21 | 42<br>54<br>*96* | 1.10.1865<br>1.7.1870 |
| 1871 | 1015 | Diacono Giacomo<br>Pons Concetta | 1.11.1871<br>1.11.1871 | 38<br>21 | 54<br>51<br>*105* | 1.11.1871<br>1.11.1871 |
| 1872 | 1023 | Diacono Giacomo<br>Pons Concetta | 1.11.1871<br>1.11.1871 | 38<br>21 | 54<br>43<br>*97* | 1.11.1871<br>1.11.1871 |

hemm il-Qrendi fl-1865 kien riżultat ta' sforz kbir u ta' ħafna xogħol siewi. L-istess rapport jgħidilna li l-edukazzjoni f'dan ir-raħal kienet għadha lura ħafna tant li t-tfal Qrendin ma kellhom l-ebda kunċett ta' x'kienet skola u l-intelliġenza tagħhom kienet kważi fi stat selvaġġ.[26] Il-Kan. Pullicino personalment eżamina lit-tfal f'xi suġġetti u kien baqa' mpressjonat ferm bil-progress li kienet għamlet din l-iskola f'perjodu żgħir ta' ftit snin. Is-subien tat-Tielet Klassi, 5 fin-numru, ħadmu sew fuq lavanji ħafna mis-somom li ngħataw jaħdmu u l-bniet tat-Tieni Klassi, 4 fin-numru, ukoll ħadmu sew is-somom li ngħataw.[27]

Inħoss li l-Qrendi għandu jirrikonoxxi l-kontribut kbir u siewi għall-edukazzjoni li ta' Mons. Kanonku Paolo Pullicino. Kien bniedem li verament ħabb il-fqir u l-batut u kien hu li fetaħ l-ewwel skola primarja fil-Qrendi, ħafna snin qabel ma nfetħu f'irħula oħra, parti mill-pjan tiegħu li jestendi l-edukazzjoni għall-klassijiet il-baxxi.

**Riferenzi**

1 Agius Manwel, Rev. Prof., L-Iskola Primarja tal-Qrendi (1900-2000), f'*Minn għandkom għalikom*, Kunsill Lokali, Qrendi, pp.10-11.

2 Vassalli Michele Antonio. *Ktyb yl Klym Malti mfysser byl-Latin u byt-Talian sive Liber Dictionum Melitensium hoc est Michaelis Antonius Vassallo Lexicon*. Fulgoni, Ruma, 1795. A rigward il-Qrendi Vassalli kiteb hekk: "In altri luoghi meno popolati, come... yl Krendi... E in luoghi di tal classe un sol Maestro per luogo".

3 Inċidentalment il-Kanonku Paolo Pullicino kellu konnessjoni kbira mar-raħal viċin ta' l-Imqabba. Il-bini fejnhemm l-Għassa tal-Pulizija flimkien mal-Kappella tad-Duluri kienu tal-familja Pullicino. Il-Kanonku kien iqaddes f'din il-kappella mill-anqas darba fis-sena, fl-ewwel ta' Jannar, u jagħti ħobża lill-fqar bħala strina. Ħafna mill-familjari tiegħu huma midfuna fl-Imqabba.
Zammit Mangion Joseph. *L-Edukazzjoni fl-Imqabba*, Kunsill Lokali Mqabba, April 1999, pp.11-13.

4 Pullicino Can. Paolo. *Primo Rapporto Sull'Educazione Primaria*, Government Printing Press, Malta, 1850.

5 Dun Giuseppe Cilia (1840-1868) f'parrokat ta' għoxrin sena fil-Qrendi kien ġab minn Ruma l-Korpusant ta' San ?elestinu Martri u stieden lill-kleru ta' tmien Parroċċi u fis-sena 1866 bena s-Sagristija msejħa tal-*Fratelli*.
Ellul Raymond Rev. *Il-Parroċċa tal-Qrendi f'Għeluq it-350 Sena*, p.6.

6 Malta Blue Book, 1861, p.276.

7 Zammit Mangion, op.cit., p.21.

8 NAM, CSG/01/1861. Vol. 50. Ittra mid-Direttur Pullicino lil Sir Victor Houlton.

9 NAM, CSG/01/1861. Vol. 52. Ittra mid-Direttur Pullicino lil Sir Victor Houlton.

10-18 Malta Blue Book, 1861.

19 Achille Ferris twieled l-Isla. Jingħad li għal xi żmien kien jabita fi Triq il-Karmelu, l-Imqabba. Ibnu l-Monsinjur Francesco Ferris laħaq l-ewwel Ministru ta' l-Edukazzjoni fil-Kostituzzjoni ta' l-1921 u dan ukoll kien jaf lill-Imqabba sew.
Mifsud Bonnici R., Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku, p.210.

20-22 Malta Blue Book, 1861, pp.276, 180, 58.

23 Malta Blue Book, 1862, p.376.

24-25 Malta Blue Book, 1863, pp.180, 276.

26 The Malta Government Gazette, Tuesday 8th August 1865, No. 2235, p.271.
"The School of Crendi is quite a new one, and has been established only three years, so that all that is to be found is the result of the very hard labour which was required to develop the almost savage intelligence of boys and girls, who had previously no notion of a School."

27 Ibid., p.267.

DOLPHIN
BAR & RESTAURANT
Wied iż-Żurrieq • Tel: 647911